# Id-Devozzjoni Marjana f'Malta

Chev. Mario Coleiro O.S.J.



Meta wieħed iħares lejn id-devozzjoni Marjana f'pajjiżna jinduna li f'kull belt jew raħal fil-gżejjer tagħna teżisti devozzjoni qawwija lejn il-Madonna. Fost l-iktar popolari nsibu l-parroċċi li huma ddedikati lill-Madonna. F'pajjiżna nsibu 35 parroċċa ddedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Ma' dawn ta' min insemmu ta' l-inqas 20 festa oħra tal-Madonna li jiġu ċċelebrati mhux fi knejjes parrokkjali. Fil-knejjes kollha nsibu diversi artali bil-kwadri tagħhom tal-Madonna kif ukoll ħafna vari tal-Madonna li jgawdu devozzjoni kbira. Ma rridux ninsew in-numru kbir ta' kappelli mferrxin ma' kullimkien li għandhom xi wieħed mit-titli tal-Madonna bħala titular. Dan kollu juri d-devozzjoni qawwija li l-poplu tagħna għandu lejn Ommna Marija Santissima. Fost il-kappelli li nsibu f'pajjiżna jeżistu dawk li huma verament antiki u jmorru lura ħafna saħansitra għal żmien l-ewwel insara f'pajjiżna. Fost dawn ta' min insemmu s-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li t-tradizzjoni tgħid li x-xbieha tal-Madonna li naraw meqjuma f'dan is-santwarju kienet tpittret minn San Luqa nnifsu meta kien nawfragat f'pajjiżna ma' San Pawl. Knejjes oħrajn antiki li l-bidu tagħhom jeħodna lura għal żmien meta l-knejjes kienu jkunu f'xi katakombi jew xi għar huma l-knisja tal-Madonna tal-Virtù r-Rabat, il-Madonna tal-Mensija f'San Ġwann, il-Kunċizzjoni ta' l-Imsida, l-Annunzjata tas-Saliżini u oħrajn. Insibu mbagħad knejjes li jeħduna lura ħafna fiż-żmien u li jistgħu jitqiesu bħala knejjes antiki ħafna, fost dawn insemmu l-knisja tal-Lunzjata r-Rabat, il-Kunċizzjoni tal-Qala Għawdex u Santa Marija ta' Kemmuna. Meta niġu biex nitkellmu fuq knejjes medjovali nsibu bosta li għadhom weqfin sal-ġurnata tal-lum bħal-Lunzjata ta' Ħal Millieri, Santa Marija ta' Bir Miftuħ, Santa Marija ta' Ħal Xluq, l-Assunta ta' Ħaż-Żabbar, l-Assunta tal-Magħtab u l-Lunzjata ta' Kerċem Għawdex. Dan juri li mal-mogħdija taż-żmien id-devozzjoni lejn il-Madonna. Forma ta' devozzjoni oħra hija dik li ntrabtet mal-leġġendi bħall-knisja ta' l-Isperanza fil-Mosta, tal-Ħniena l-Qrendi, tal-Providenza s-Siġġiewi, tal-Grazzja f'Tas-Sliema u l-knisja tal-Madonna ta' Wied Qirda f'Ħaż-Żebbuġ. Il-miġja tal-Kavallieri kompliet kabbret din id-devozzjoni bi knejjes ta' Sarrija fil-Floriana u l-Madonna ta' Luretu fil-Gudja. Issibu mbagħad knejjes li saru santwarji Marjani importanti u jgawdu devozzjoni qawwija bħal tal-Ħerba f'Birkirkara, tas-Samra fil-Ħamrun, ta' Pinu Għawdex, il-Madonna tad-Dawl f'Ħaż-Żebbuġ, il-Vitorja ta' l-Imtaħleb, il-Madonna ta' l-ittra f'Binġemma, il-Madonna tal-Ħlas f' Ħal Qormi, il-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara u l-Madonna taż-Żejt fl-Għarb Għawdex. Dawn il-knejjes kollha u ħafna oħrajn magħhom f'pajjiżna juru kemm id-devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima hija qawwija fil-qalb tal-poplu tagħna. Dan jixhed il-fatt li anke parroċċi li huma meqjusa bħala riċenti u xorta nsibu ħafna minnhom li tqiegħdu taħt il-protezzjoni tal-Madonna fost dawn insibu l-parroċċa ta' Lourdes f'Raħal Ġdid, il-Kunċizzjoni fil-Ħamrun, il-Madonna tal-Karmnu fi Fleur de Lys, fil-Fgura u fil-Balluta, il-Madonna ta' Fatima fi Gwardamanġa u fuq kollox il-parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa li qegħdin niċċelebraw il-festa tagħha.